# Leħen il-Komunità Żejtun



nru. 6

Ħarġa Tal-Għid 1988

*Maħruġ mill-Kunsill Parrokkjali – Żejtun.*



# Il-KELMA TA' L-ARĊIPRIET

HUTI MAĦBUBIN

Il-festa tal-Għid, għandha tkun il-festa tal-qawmien tagħna. Aħna lkoll dgħajfin u ħafna drabi naqgħu f'ċerta bruda, nitraskuraw it-talb, nonqsu mill-imħabba tal-proxxmu, nitkellmu kif ġie ġie, nitbgħedu mill-qrar u mit-tqarbin u nibdew ngħixu kif jgħoġob lilna u mhux kif iridna Ġesù.

Permezz ta' l-Eżerċizzi tar-Randan aħna nidħlu daħla fina nfusna u naraw l-istat ta' ruħna. Bħal l-iben il-Ħali nqumu u nerġgħu mmorru għand Missierna li tant iħobbna.

Għalhekk il-festa tal-Għid, barra milli hija l-ġrajja tal-qawmien ta' Ġesù, hija wkoll il-qawmien tagħna għall-ħajja tassew nisranija. L-Għid ma jfisser xejn jekk aħna ma nqumux mid-dnub, mill-indifferenza...

Wara l-Għid it-tberik tal-familji. Għidt tal-familji u mhux tad-djar għax aħna niġu nbierku lilkom u mhux il-ġebel u l-għamara, niġu nwasslulkom il-paċi ta' Kristu u x-xewqa tagħna li Ġesù jkun iċ-ċentru tal-familja tagħkom.

It-tberik mela, għandu jkun okkażżjoni biex:

- ❑ jekk fid-dar hemm firdiet, dawn jonqsu u jispiċċaw.
- ❑ jekk il-mara jkun ħsieba iżjed fit-tindif tad-dar milli fid-dmirijiet tagħha ta' omm u ta' mara miżżewġa tiddeċidi li tbiddel din l-imġieba.
- ❑ jekk il-missier ħsiebu iżjed li jkun barra milli li jkun miġbur ma' martu u wliedu, jifhem li dan m'għandux jibqa jagħmlu.
- ❑ jekk l-ulied qed ikissru l-ġabra tal-familja minħabba ħruġ fit-tard, jitgħalmu li d-dar mhiex lukanda.

Għalhekk, maħbubin, ġejjin inbierku djarkom. Biex nitolbu għal dan kollu. Taqtgħux qalbkom! Ġesù lest li jgħinkom jekk inthom tersqu lejH. Iftħu l-bibien ta' djarkom ħa jidħol Kristu f'ħajjitkom...

Għan-nom tiegħi u ta' sħabi nixtieqilkom il-Għid it-tajjeb, Għid ta' qawmien spiritwali fina lkoll u fil-parroċċa għażiża tagħna.

*Dun Ġużepp Theuma*



*Il-Kunsill Parrokkjali jawgura lil-Poplu Żejtuni l-Għid it-tajjeb.*

## JUM L-EWWEL TQARBINA

Hu jum ta' ferħ għall-parroċċa kollha. Il-ġenituri għandhom jgħinu lil uliedhom biex jifhmu li l-Ewwel Tqarbina hi fuq kollox laqgħa ma' Ġesù u għalhekk iżjed importanti mill party, mill-libsa u mir-ritratti, hi tifsira spiritwali ta' din il-ġrajja fil-ħajja tat-tfal.

| | |
|---|---|
| Fiz-zoni: | l-Ħadd, 22 ta' Mejju |
| Fil-Parroċċa: | l-Ħadd, 29 ta' Mejju |

L-isbaħ jum ta' ħajti li fih irċevejt għall-ewwel darba f'ħobż tal-ħajja Eterna ĠESU EWKARISTIJA

*Editorjal*

# INŻOMMU L-PARROĊĊA NADIFA

Jekk xi ħadd jgħidilna biex inżommu id-dar nadifa, żgur li nieħdu għalina. Għax kulħadd jipprova jżomm daru mill-aħjar.

Pero, xi kultant ftit nagħtu każ biex inżommu l-parroċċa nadifa. Nadifa kemm materjalment kif ukoll moralment. Biex nkunu aktar prattiċi tajjeb li nagħtu ftit eżempji kif kull wieħed u waħda minnha jista' jgħin biex il-parroċċa tagħna tista' tinżamm aktar nadifa.

Tajjeb li nedukaw 'l uliedna miċ-ċokon biex it-toroq u l-postijiet pubbliċi jinżammu ndaf. Biex ma jagħmlux ħsara lill-propretà kemm pubblika kif ukoll privata, wisq aktar fuq persuni. Biex ikunu edukati fl-imġieba tagħhom. Biex ikunu ċittadini tajba u lejali lejn il-parroċċa u lejn pajjiżna.

Żgur li biex jirnexxilna nagħmlu dan, mhux biss irridu ngħallmuhom bil-kliem, imma aktar fl-eżempju. F'kelma waħda rridu l-ewwelnett inkunu ta' eżempju tajjeb aħna l-kbar. Għalhekk għandna mhux biss nistmerru lill-vandaliżmu materjali u morali, imma kulħadd għandu jagħti sehmu biex dawn l-affarijiet jonqsu u jekk jista' jkun jispiċċaw għal kollox.

Imma hemm kwalita ta' ndafa oħra li trid tinżamm fil-parroċċa. Ndafa minn vizzji li ma jagħmlux la ġieħ u wisq aktar ġid lill-parroċċa in ġenerali u lill-parruċċani ndividwalment. Fost dawn ta min isemmi d-dagħa u l-logħob ta' flus li jsir f'ċerti positijiet fiż-Żejtun.

Però fuq kollox hemm bżonn li nagħtu sehemna biex isem il-parroċċa jinżamm nadif. Kulħad għandu jgħin biex l-isem ħażin li inġustament ingħata lill-parroċċa tagħna jisewwa malajr kemm jista' jkun. Mhux ġustizzja li ż-Żwieten kollha qisna għamilna xi delitt. Mhux ġustizzja jew ġurnaliżmu serju li kull Żejtuni li jiġi akkużat (mhux bilfors ħati) li xellef difrejh mall-ġustizzja jsib ismu b'ittri kbar fl-ewwel faċċati tal-ġurnali, meta fl-istess ħarġa ssib b'ittri żgħar ismijiet ta' nies minn parroċċi oħra li nstabu ħatja ta' serq, delitti, frodi, traffikar ta' drogi,ecc. Aktar u aktar mhux ġurnaliżmu serju meta minħabba xi ħaġa fattwali li tiġri fiż-Żejtun ikun hemm xi ġurnalisti li mingħajr l-anqas biss jindenjaw ruħhom jivverifikaw l-fatti mal-persuni jew awtoritajiet konċernati, għall-iskop ta' moħhom, ġeneralment politiku, jibnu jew jivvintaw storja jew aħjar ħrafa. Kultant jidher ċar li hemm xi wħud, diżgrazzjatament anke Żwieten, li l-interess personali tagħhom jew tal-partit politiku tagħhom ipoġġuh qabel l-interess tal-parroċċa. Aħna dan kollu dejjem konna u nibqgħu nikkundannawh.

Għalhekk nappellaw liż-Żwieten kollha, speċjalment dawk li qegħdin f'xi awtorità, biex kulħadd u kullimkien jagħti s-sehem tiegħu biex jissemmew aktar dawk il ħafna u ħafna affarijiet tajba u sbieħ li ż-Żejtun għandu biex jiftaħar forsi anke aktar minn bliet u rħula oħra, u mhux il-ftit ħażin li fuq kollox kull belt u raħal ieħor żgur li għandu wkoll.

---

*MILL-PINNA TA' L-ISQOF GALEA*



## F'JUM IL-ĠIMGĦA L-KBIRA: Luttu u Ferħ

Il-kelma "luttu" jista' jkolla diversi tifsiriet:

(1) dawk id-dwejjaq tal-qalb li nħossu meta xi ħadd imut u allura ma nkunux se narawh aktar. F'Jum il-Gimgħa l-Kbira, infakkru dak il-jum li fih Kristu miet...pero Hu qam mill-imwiet u qiegħed glorjus fis-sema. Anzi meta niftakaru li bil-mewt Tiegħu fdiena, għandna nifirħu b'ferħ tar-ruħ, kif iwissina San Pietru f'Kap 4 v 13 mill-ewwel ittra tiegħu: "Ifirħu, għax b'hekk intom qegħdin tissieħbu fit-tbatija ta' Kristu, biex aktar tifirħu u tithennew bid-dehra tal-glorja tiegħu".

(2) nifhmu l-mogħdrija li nħossu meta naraw xi ħadd ibati jew ikun bata. F'jum il-Gimgħa l-Kbira dan m'għandux jonqos għax dak in-nhar niftakru kemm sofra Kristu fir-ruħ u fil-ġisem...u dan sofrieħ għalina.

(3) jista' jfisser dak is-sentiment li jġegħilna naħirbu xi divertiment meta nafu li ħaddieħor qed ibati. Dan ukoll għandna nagħmlu propju f'jum li jfakkarna fit-tbatija ta' Kristu, u nuruh l-imħabba tagħna billi nagħmlu xi għamla ta' sagrifiċċju (ċaħda). Xieraq li anke l-għada, is-Sibt, inkomplu b'xi għamla ta' ċaħda.

Il-mewt u l-qamien ta' Kristu dejjem kienu marbutin flimkien. It-talba ewlenija tal-Ġimgħa l-Kbira tagħlaq billi nitolbu li kif Kristu bil-Passjoni tiegħu slavana...bil-Qawmien mill-mewt jagħtina wkoll il-grazzja. F'dak li hu estern il-Knisja kienet qabel tagħmel bħal firda: Il-Ġimgħa għall-mewt, il-Ħadd għal-qawmien mill-mewt. Illum il-Knisja trid aktar tgħaqqadhom flimkien anke esternament, biex tipperswadina aktar li l-Fidwa tagħna twettqet bil-Misteru tal-Għid li jiġbor fih flimkien il-Passjoni ta' Kristu, il-Qawmien mill-mewt u t-Tlugħ glorjuż Tiegħu (Const. Sacros. Cons. N.5)

NGĦINU L-PARROĊĊA: NATTENDU GĦALL-"LEJLA SAN GIRGOR", It-Tlieta 5 ta' April, 1988

# NIEHDU SEHEM FIL-FUNZJONIJIET TAL-GIMGHA MQADDSA

## FIL-PARROCCA

- Ħadd il-Palm: Fid-9.00am tberik tal-friegħi taż-żebbuġ, Purċissjoni u Quddiesa.
- L-Erbgħa: Fis-6.30pm. Quddiesa u Via Sagra bis-slides.
- Ħamis ix-Xirka: Fis-6.30pm. Konċelebbrazzjoni. Wara jibdew il-visti sal-10.00pm. Fl-10.00pm Siegħa Adorazzjoni. Fil-11.00pm. Siegħa ma' Ġesù.
- Il-Ġimgħa l-Kbira: Fit-8.30am. Kant tas-salmi. Fid-9.30am jitkomplew il-visti sal-11.00am. Fil-11am Siegħa ma' Ġesù.
  Fit-3.15pm Talb. qari mill-kotba mqaddsa, Adorazzjoni tas-Salib u Tqarbin.
  Fil-5.00pm Toħroġ il-purċissjoni bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira.
- Sibt il-Għid: Fit-8.00pm Celebrazzjoni tal-Għid u Quddiesa.
- Ħadd il-Għid: Fl-9.45am Purċissjoni bl-istatwa ta' l-Irxoxt, bis-sehem tal-Banda Beland u tal-Banda Żejtun.

## ZONA SAN GIRGOR

- It-Tlieta tal-Ġimgħa l-Kbira: 7.00pm Via Sagra bis-slides.
- Ħamis ix-Xirka: Fis-6.00pm Quddiesa u wara nagħmlu l-visti flimkien. Fid-9.30pm Nofs siegħa Adorazzjoni.
- Il-Ġimgħa l-Kbira: Fil-għodu jitkomplew il-visti. Fit-3.00pm Qari tal-Passjoni, Adorazzjoni tas-Salib u tqarbin. Wara ssir il-Via Sagra.
- Sibt il-Għid: Fit-8.00pm tibda l-funzjoni
- Ħadd il-Għid: Quddies fis-7.30am u fil-11.00am.
- It-Tlieta fuq l-Għid: "Lejla San Girgor" – Lejla Folkloristika quddiem il-knisja.
- L-Erbgħa: Festa San Girgor. Quddiesa wara li tasal il-Purċissjoni. Jattendi Mons. Arċisqof.

## ZONA TAL-ĦNIENA

- Ħadd il-Palm: Fl-10.30am tberik tal-friegħi taż-żebbuġ, purċissjoni u quddiesa.
- Ħamis ix-Xirka: Fis-6.30pm Quddiesa. Wara jibdew il-visti sal-10.00pm. Fl-10.00pm Siegħa Adorazzjoni.
- Il-Ġimgħa l-Kbira: Fit-8.00am Visti flimkien. Fid-9.00am nofs siegħa Adorazzjoni għat-tfal. Fit-3.00pm Talb, Adorazzjoni tas-Salib u Tqarbin.
- Sibt il-Għid: Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Għid tibda fit-8.00pm.

## ZONA TA' SAN KLEMENT

- Ħadd il-Palm: Fis-7.00am u fl-10.00am Quddies u tberik tal-friegħi taż-Żebbuġ.
- L-Erbgħa tal-Ġimgħa l-Kbira: Fil-5.30pm Via Sagra meditata.
- Ħamis ix-Xirka: Fis-6.30pm Quddiesa (l-ikla tal-Mulej).
- Il-Ġimgħa l-Kbira: Fis-7.30am Adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat.

# Mill-Imgħoddi

L-artal tar-respożizzjoni ("is-sepulkru", kif jgħidulu) kien jintrama' wara l-bieb ta' barra tan-naħa ta' l-artal ta' Sant'Andrija, u għall-Viżiti n-nies kienet toħroġ mill-knisja tmur iddur mas-Salib tal-pjazza u tidħol mill-ġdid fil-knisja tinviżta...sakemm tlesti s-Seba Viżiti. Aktar tard beda jintrama fl-artal ta' San Pawl u wara fin-nava ta' San Pawl, fejn tintrama l-istatwa titulari fil-festa. In-nava kienet tiġi magħluqa minn wara b'xenarju adattat mal-Ewkaristija li pittru ċertu Karmnu ta' Ħ'Attard (pinġa wkoll xi xenarju għad-Domus). Maż-żmien ix-xenarju "tas-sepulkru" – li biċtejn minnhu jintrama' fl-Oratorju fejn attwalment jintrama l-artal tar-Respożizzjoni – kien ġie rrtukkat minn Ġerladu Caruana.

F'jum il-Ġimgħa l-Kbira, il-vara l-kbira kienet titellgħa fuq il-presbiterju għat-tlett siegħat: minn nofs in-nhar sat-tlieta. Tul dak il-ħin saċerdot magħżul kien jagħmel diversi prietki fuq il-passjoni (ġieli mqassma fi tnax il-prietka) u bejniethom l-Orkestra taċ-Ċirkolu Mużikali S. Katarina kienet tesegwixxi responsorji miktuba minn Mro. Carlo Diacono. L-orkestra u l-kantanti kienu jkunu fil-kor. L-aħħar sena li l-vara tqiegħdet fuq il-presbiterju kienet fl-1954.

Il-purċissjoni kienet tgħaddi minn Ħabel ix-Xgħir, Triq il-Kbira għal ħdejn il-Posta (triq San Luċjan) tinżel għal triq Sant'Anġlu, minn hemm għal ħdejn il-Bon Kunsill, titla' għall-triq Santa Marija tiġbed għal fejn "ta' l-Isqalli" u minn hemm għall-pjazza...u l-knisja. Ir-reffiegħa tal-Monument kienu jidħlu taħtu, mhux bħallum, bil-lasti minn barra. Wara l-Monument l-abbatini jkantaw il-Missere akkumpanjati minn Disma Gauci fuq il-vjolin. L-Arċipriet Anton Psaila (1882-1892) ried ineħħi l-banda (Beland) mill-purċissjoni għax ħasha bħala ħaġa profana. Ir-reffiegħa u l-poplu kienu kontrarji. Kif il-vara l-kbira feġġet fil-bieb il-kbir, ir-reffiegħa niżżluha fl-art, mingħajr forċi, u rrifjutaw li jimxu. L-intervent tas-Sindku Curmi ma sewa xejn. L-Arċipriet irtira d-deċiżżjoni, il-banda daħlet postha, u l-purċissjoni tkompliet.

Quddiem l-istandard, kienu jimxu wieħed bit-tambur u l-ieħor idoqq il-flawt (flejguta). Il-flawt kien idoqqu Leli Mallia "ta' Gliex" u Ġużeppi Aquilina "gebbidilu" it-tambur. Meta spiċċa Mallia, Aquilina kien idoqq il-flawt u Ġanni Carabott "ta' Sikard" it-tambur. It-tambur kien idoqqu wkoll Leli Sammut "il-Ġinġer" li kien emigra lejn l-Awstralja.

Darba fi żmien il-gwerra l-Purċissjoni tmexxiet bir-relikwija tal-Veru Lignum, merfugħa mill-Isqof Galea li kien taħt il-baldakkin l-aħmar. Meta l-purċissjoni waslet ħdejn il-palazz tal-Bon Kunsill (li kien H.Q. tas-suldati K.O.M.R.) ħargu s-suldati u taw salut lil Veru Lignum bil-"present arms",

Il-Glorja kienet tindaqq is-Sibt filgħodu xi 10.30am. Dak il-ħin xi bandisti tal-Beland kienu jitilgħu fuq il-bejt tal-Każin u jdoqqu xi żewġ marċi brijużi. Kienu wkoll jisparaw xi bombi, waqt li ma' l-arblu jtelgħu l-bandiera b'ħafna bnadar żgħar magħha.

Mad-daqq tal-Glorja n-nisa tad-dar kienu jagħmlu l-ewwel tbaħħira mad-dar kollha waqt li jgħidu xi talb fosthom il-Kredu. It-tbaħħir kien isir b'duħħan li joħroġ miż-żebbuġ maħruq, liema żebbuġ, issa niexef ikun tbierek nhar Ħadd il-Palm tas-sena ta' qabel. Wara Sibt il-Glorja, it-tbaħħir kien isir kull nhar ta' Ħamis.

Fuq il-presbiterju kien jintrama' bħal "stand" bi tlett xemgħat b'bukket fjuri f'nofs ix-xemgħa mixgħula. Dan kien isir qabel it-tberik tal-blandun u tal-ilma.

# PROGRAMM TAT-TBERIK TAL-FAMILJI

APRIL

It-Tnejn 4
4.00pm Il-pjażża t'isfel tal-knisja, Triq Ħabel ix-Xgħir, is-Salvatur u sqaqien.
4.00pm Triq il-Kbira sa San Adeodatu, Sqaq Bonito u Sqaq San Adeodatu.

It-Tlieta 5
4.00pm Misraħ il-Bjar – id-dawra kollha, Triq id-Dejqa, u l-kumplament tat-Triq il-Kbira u Sqaq San Bastjan.
4.00pm Sqaq il-Vittorja, Triq San Ġorġ, Pjazza u Triq Bandolier u Santa Ċeċilja.

Il-Ħamis 7
4.00pm Pjazza u Triq Palma u San Klement.
4.00pm Triq u Sqaqien Sciortino, Dun Mikiel Cassar u l-Wied.

Il-Ġimgħa 8
4.00pm Triq Sant'Agata, Taltas u Sqaqien u Villa Cagliares.
4.00pm Triq u Sqaq il-Lvant u Bugħarbiel.

It-Tnejn 11
4.00pm Triq il-Qalb ta' Ġesù, Kan Dedomenico, u Sant' Antnin.
4.00pm Triq Santu Wistin.

It-Tlieta 12
4.00pm Triq Mikiel Cachia, Dun Spir Grixti u Felica Abela.
4.00pm Triq id-Duluri, Palazzi, Ġużeppina Curmi u Mons. M. Spiteri.

L-Erbgħa 13
4.00pm Misraħ Diċembru 13, Triq San Girgor u Dejma.
4.00pm Triq Beland u Delimara.

Il-Ħamis 14
4.00pm Triq l-Isqof Galea, Il-Qadi (in-naħa t'isfel biss).
4.00pm Triq ir-Ramla (minn ta' Lusif 'l isfel) u Misraħ Strejnu.

Il-Ġimgħa 15
4.00pm Triq San Piju X u San Porfirju.
4.00pm Triq San Ġużepp u Connaught.

It-Tnejn 18
4.00pm Triq Kantur u Santa Fawstina.
4.00pm Triq Santa Monica u Ħelsien.

it-Tlieta 19
4.00pm Triq il-Ħerba, Pjazza G. Bonnici u Triq Gwiedi.
4.00pm Triq Santa Katarina u biċċa minn Triq Tarxien.

L-Erbgħa 20
4.00pm Triq l-Ispirtu Santu, Vjal 25 ta' Novembru, Serafin Xuereb u Hector Dalli.
4.00pm Triq is-Suq, Ġius. Caruana u Alfred Cachia Zammit.

IL-Ħamis 21
4.00pm Triq Sant Luċjan, Antonio Micallef u Triq l-Iskola.
4.00pm Triq Toni Zahra u l-Ħaddara, Triq Marsaxlokk (irziezet biss), Triq Bormla, Tarxien, Bulebel il-Kbir, Triq B'Bugia.

Il-Ġimgħa 22
4.00pm Triq Sant'Anġlu ('l isfel mill-iskola sa quddiem San Klement), l-Isqof Zahra u Bisqallin.
4.00pm Triq Falkunier, Kapumastru, Kastellan, Arkibuzier u Alfier.

It-Tnejn 25
4.00pm Triq Kostituzzjoni, San Franġisk, il-Kunċizzjoni u Sant'Anġlu (sa quddiem l-Ispirtu Santu).
4.00pm Triq Sant'Anġlu (minn quddiem l-Ispirtu Santu) Bon Kunsill u Pjazza K. Diacono.

It-Tlieta 26
4.00pm Triq l-Arċipriet Degabriele, il-Pres. A. Buttiġieġ u Anġlu Grima.
4.00pm Triq Dun Ġwann Tabone u l-Vittmi tal-Gwerra.

L-Erbgħa 27
4.00pm Triq Luqa Briffa, Sqaqien il-Mitħna u Baggi.
4.00pm Triq Sant'Emidju, Santa Luċija, Xejba u San Ċirillu.

Il-Ħamis 28
4.00pm Triq Marsaxlokk u San Pietru.
4.00pm Triq Santa Marija (kollha) u Sqaq San Sidoru.

Il-Ġimgħa 29
4.00pm Triq San Ġwann u s-Sqaqien tagħha.
4.00pm Sqaq Sant'Anġlu, Triq San Pawl, Sqaq Vendome u Pjazza Santa Marija.

MEJJU

It-Tnejn 2
4.00pm Triq San Mikiel, Madonna tal-Ħniena sa Triq Ħal Bajda u Triq Ħal Bajda.
4.00pm Triq San Duminku, San Alfons, San lawrenz, Ta' Tnella u Ħal Bisbut.

It-Tlieta 3
4.00pm Triq Lorenzo Gafà, John Borg, Tamburin, Xandru Farrugia, u Ħal Ġwann.
4.00pm Triq Dr. Cannataci, Misraħ Kan. Vella u Melchiorre Gafà.

L-Erbgħa 4
4.00pm Il-kumplament ta' Triq Madonna tal-Ħniena, Sir Paul Boffa, Frank Ghio u Labour.
4.00pm Triq il-Għadam, Bir id-Deheb u tal-Barrani.

Il-Ħamis 5
4.00pm Triq Xatbet l-Andar, 5 ta' Ottubru, Xewk il-Għotba, Xeħt il-Forom, il-Fossa tal-Qamħ, Mogħdija Ħannewija u Żagħżigħa.
4.00pm Triq il-Ħobbejża, l-Kemmun Ħelu, il-Kammumilla u l-Ħuxlief.

Il-Ġimgħa 6
4.00pm Triq il-Ġiebja Rumana, Tursin il-Bir, u Triq ir-Ramla (il-parti tal-Housing Estate).
4.00pm Triq il-Marrubija, il-Qadi (il-parti ta' madwar il-Housing Estate), Triq id-Dulliegħ, il-Ħarrub u l-Bettiegħ.

It-Tnejn 9
4.00pm Ġebel San Martin

It-Tlieta 10
4.00pm Ta' Ganza Flats Blocks A, B, C, D.
4.00pm Ta' Ganza Flats Blocks E, F,G, H, I, J.

L-Erbgħa 11
4.00pm Ħal Tmiem Flats Blocks G, H, I, J, K, L, M, N, O, P,.
4.00pm Ħal Tmien Flats Blocks A, B, C, D, E, F, Triq ir-Ramla (il-parti ta' ħdejn Ħal Tmiem Flats) u Triq Baħrija.

## ĦSIEB GĦALL-JUM IL-OMM –
### IL-ĦADD 8 TA' MEJJU



– meta jkollok lil ommok bil-qiegħda fuq is-siġġu tas-soltu, u minn hemm dejjem tiftaħlek għajnejk, tkellmek u titbissimlek agħmel teżor għalik minn dak li tgħidlek...
għad jiġi jum meta tmur id-dar t'ommok, u s-siġġu li fuqu kienet soltu toqgħod ommok, ikun vojt...
...imbagħad tinduna li kellek teżor, u ma ndunajtx bih.

**9 ta' ĠUNJU 1988**

L-Istitut San Ġużepp(tal-Ispirtu s-Santu) wieħed mid-Djar Tat-Tfal, jagħlaq 80 sena mit-twaqqif tiegħu.

**19 ta' ĠUNJU 1988**

Il-Griżma tal-Isqof fil-parroċċa
filgħodu – dawk li għalqu sninhom fl-ewwel sitt xhur tas-sena
filgħaxija – dawk li għalquhom fl-aħħar sitt xhur tas-sena.

Dak in-nhar ukoll hu JUM IL-MISSIER. Itlob għalih u rrispettah!

## AQUARIUS WOODWORKS

**99 Industrial Estate, LUQA**
**PROP. A. BUHAGIAR**
**TEL: 284482, 233008**

GĦALL-ISBAĦ KMAMAR TAL-PRANZU U KĊEJJEN TA' L-OAK
POĠĠAMANI TAT-TARAĠ
ETĊ.

## DENNIS IRONMONGERY

TRIQ IL-QADI, HOUSING ESTATE
ŻEJTUN

**GENERAL HARDWARE**
**& HOUSEHOLD GOODS**
T.V. AERIALS, BOOSTERS AND INSTALLATIONS
**TEL: 773816**

## – FANTASY –

25, TRIQ MATER BONI CONSIGLI STREET, ŻEJTUN
TEL: 774513

ISSIB KULL XORTA TA' TOYS, GAMES
U KOTBA GĦAT-TFAL
GĦAŻLA KBIRA TA' IMITATION JEWELLERY


**Dan il-fuljett qed jitqassam b'xejn, pero mħabba l-ispejjeż tiegħu, kull donazzjoni tiġi apprezzata. Agħtu l-offerta tagħkom lill-Arċipriet.**

Jiena ______________________________

li noqgħod ______________________________

______________________________

noffri ______________ għall-ispejjes tal-fuljett parrokkjali

aqta dil-parti u agħtiha lill-Arċipriet - Grazzi.